# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Marzu 2000**

**Numru 22**

**Citaz. numru 565/96 DS**

Carmel Mifsud
vs
Salvatore sive Salvu Azzopardi

Illum, 7 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fis-26 ta' April 1995 f'Hal Qormi waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura numru K-7925 minn Victory Street kantuniera ma' Dragon Street, Qormi, hu kien involut f'incident stradali mal-vettura E-2981 li kienet misjuqa mill-konvenut.

Billi dan l-incident gara minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

Billi l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti li:

1. tiddjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali fuq citat u ghad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet legali minn-notifika tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1995 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Ottubru 1995 u tal-istess ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1995 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talba tal-attur ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' ghall-incident awtomobbilistiku in kwistjoni hija superfluwa u dan billi din il-kwistjoni diga giet determinata u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjes ta' din it-talba;

Illi l-kontestazzjoni tirrigwarda d-danni pretizi mill-attur liema danni huma esagerati

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru 1996 fejn gie nominat Joseph Zammit bhala perit tekniku b'dan li jkun assistit mill-ASG Dr. Monica Borg Galea fil-gbir tal-provi;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-10 ta' Dicembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrisolvi ruhha f'wahda dwar likwidazzjoni ta' danni biss stante li mill-istess nota ta' eccezzjonijiet jidher li hemm ammissjoni ta' responsabbilta'. Difatti fiha l-konvenut jesprimi l-oggezzjoni tieghu ghad-domanda ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' billi jsostni li hija superfluwa ghax il-kwistjoni giet determinata. Ciononostante mill-provi li tressqu, u hawn jinghad li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova, ma tirrizulta l-ebda dikjarazzjoni ta' rresponsabbilta' da parti tal-konvenut, u

l-ittra tad-29 ta' Novembru 1995 ( a fol. 29 ) hija biss ittra tal-assigurazzjoni tal-konvenut li fiha saret offerta bla pregudizzju.

Dwar id-danni l-attur qieghed jippretendi s-somma ta' Lm431.37 kif jidher mix-xiehda tieghu li ta quddiem l-assistenta gudizzjarja fil-25 ta' Gunju 1997. Mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku pero' jirrizulta li ma kinux saru riparazzjonijiet fuq il-vettura in kwistjoni (kuntrarjament ghal dak li stqarr l-attur fix-xiehda tieghu). Huwa ghalhekk ghadda biex jistabilixxi l-*pre-accident value* taghha. Huwa seta' jaghmel dan permezz ta' ritratti li gew esebiti mill-attur (Dok. JZ1 sa JZ10). Fil-fatt il-perit tekniku josserva li ghalkemm il-mudell tal-van kien antik, jirrizulta li l-kundizzjoni tieghu kien dak originali u kien mizmum tajjeb hafna. Huwa fil-fatt stabilixxa l-*pre accident value* fl-ammont ta' Lm380 u ddikjara li dak li baqa' llum mill-imsemmija vettura (zewg partijiet mitluqin go ghalqa) ma ghandu l-ebda *wreck value*.

Ghalhekk il-Qorti se tiskarta dak li talab l-attur salv ghas-somma ta' Lm3.45 ghall-iskizz tal-Pulizija u tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm383.45.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut, fuq ammissjoni, unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm383.45, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' Lm383.45, bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLAEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**